



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.4.2005  
KUMM(2005) 112 finali

2005/0032 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tal-kummerċ għal għanijiet ta' statistika u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SFOND

Ir-Regolament attwali tar-Reġistri tal-Kummerċ (RK) (2186/93), li armonizza r-reġistri tal-kummerċ użati mill-Istati Membri għal għanijiet ta' statistika, imur lura għall-1993 u bħalissa sa ċertu punt ma jinsabx aġġornat. F'dawn l-aħħar snin, is-sitwazzjoni inbidlet b'mod sinifikanti u żviluppaw ħtiġijiet statistiċi.

Hemm tliet tipi ta' ħtiġijiet addizzjonali li feġġew progressivament:

- il-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija ħolqot il-ħtieġa li jinġabar tagħrif dwar gruppi ta' intrapriżi;
- l-integrazzjoni ta' attivitajiet tas-setturi differenti wasslet għall-ħtieġa ta' kopertura sħiħa ta' l-ekonomija kollha;
- is-Suq Uniku jeħtieġ komparabilità mtejba ta' l-istatistika, li prinċipalment tiddependi mid-disponibilità ta' sorsi armonizzati għall-popolazzjoni tal-kummerċ li topera fl-UE.

L-għan tal-proposta huwa li jkun aġġornat ir-Regolament RK eżistenti biex jitqiesu dawn il-ħtiġijiet il-ġodda.

Biex jintlaħaq dak l-għan, qed jiġu proposti diversi modifikazzjonijiet għar-Regolament RK attwali li huma miġbura fil-qosor fil-paragrafi t'hawn taħt.

### 2. KONTENUT TAR-REGOLAMENT

Minħabba l-ħtiġijiet il-ġodda tad-data ppreżentati hawn fuq, iddaħħlu żewġ bidliet ewlenin fl-abbozz propost tar-Regolament.

- L-intrapriżi kollha li qed iwettqu attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għall-prodott gross domestiku, l-unitajiet lokali tagħhom u l-unitajiet legali korrispondenti jridu jkunu rreġistrati fuq bażi mandatorja (ċerti setturi ta' attività huma fakoltattivi fil-verżjoni kurrenti tar-Regolament).
- Jeħtieġ li r-rabtiet finanzjarji u l-gruppi ta' intrapriżi jkunu koperti u jrid ikun hemm skambju ta' data bejn il-pajjiżi u l-Eurostat dwar il-gruppi multinazzjonali u l-unitajiet kostitwenti tagħhom.

#### 2.1. Kopertura sħiħa ta' l-ekonomija

L-eżistenza tal-leġislazzjoni ta' l-istatistika Komunitarja li tkopri l-ekonomija kollha, u l-użu li dejjem qed jiżdied ta' reġistri tal-kummerċ għal għanijiet tar-rendikont nazzjonali, jagħmluha essenzjali għar-reġistri tal-kummerċ li jkopru l-ekonomija kollha. Is-setturi addizzjonali li għandhom ikunu koperti fuq bażi mandatorja huma "l-amministrazzjoni pubblika" u "l-agrikoltura u s-sajd".

## ***Inklużjoni ta' l-Amministrazzjoni Pubblika***

Ir-rwol tas-settur pubbliku qed jinbidel. Ċerti attivitajiet li qabel kienu qegħdin jitmexxew mis-settur pubbliku jistgħu issa jitmexxew mill-intrapriżi pubbliċi jew privati. Biex wieħed jieħu stampa ċara tas-sitwazzjoni, aktar sorsi komparabbli dwar dawk l-attivitajiet huma meħtieġa. Dan jista' jinkiseb biss bil-kopertura obligatorja tas-settur pubbliku fir-reġistri nazzjonali tal-kummerċ użati għal għanijiet ta' statistika, skond l-istandards miftiehma.

## ***Inklużjoni ta' l-Agricoltura u s-Sajd***

L-interess qawwi fil-politika ta' l-iżvilupp rurali jeħtieġ tagħrif mhux biss dwar l-agricoltura iżda wkoll dwar ir-rabta tagħha li dejjem qed tiżdied, ma' attivitajiet oħrajn li mhumiex koperti mill-istatistika ta' l-agricoltura bbażata fil-parti l-kbira tagħha fuq prodotti. Trattament armonizzat ta' l-agricoltura fir-reġistri tal-kummerċ jagħti t-tagħrif bażiku meħtieġ għall-politika rurali.

### **2.2. Data dwar gruppi ta' intrapriżi**

Hemm talba li dejjem qiegħda tikber għal tagħrif dwar gruppi ta' intrapriżi, f'livell nazzjonali bl-għan li tiġi evalwata l-konċentrazzjoni ta' l-ekonomija, u fl-livell internazzjonali għall-produzzjoni ta' l-istatistika li għandha x'taqsam mal-globalizzazzjoni. Biex tintlaħaq it-talba, diġà qed tohrogħ ħafna statistika, parti minnha taħt il-liġi ta' l-istatistika tal-Komunità (l-istatistika dwar l-affiljati barranin, il-bilanċ tal-pagamenti, u l-kummerċ barrani), iżda hemm il-ħtieġa ta' iżjed minn din. Is-sitwazzjoni attwali, fejn huma rreġistrati l-partijiet maqtugħin biss tal-gruppi ta' intrapriżi fit-territorju nazzjonali, mhijiex suffiċjenti u d-data dwar il-gruppi multinazzjonali għandha tkun imsaħħa fil-livell Ewropew.

L-abbozz tar-regolament jeħtieġ li r-reġistri Nazzjonali tal-kummerċ jirreġistraw ir-rabtiet finanzjarji bejn l-unitajiet legali u jitrasmettu t-tagħrif dwar il-konnessjonijiet trans-nazzjonali lill-Kummissjoni (lil Eurostat).

Dan għandu jirriżulta f'

- qafas armonizzat ta' kampjuni għall-istħarriġ eżistenti li juża l-kunċett ta' rabtiet finanzjarji;
- komparabilità aħjar ta' ħafna mill-istatistika attwali, fejn ir-rabtiet finanzjarji bejn l-intrapriżi fil-pajjiżi differenti għandhom rwol importanti, bħal eż. fid-data tal-produttività;
- tagħrif ieħor dwar il-popolazzjoni tal-gruppi ta' intrapriżi billi r-reġistri jistgħu jintużaw ukoll bħala għejun diretti ta' statistika dwar il-globalizzazzjoni. Dan ikun ta' siwi kbir għall-kompetizzjoni differenti tal-Komunità, għall-politika tar-riċerka, u għan-negozjati tal-kummerċ.

Din il-proposta għandha wkoll tqarreb il-firxa u l-kwalità tad-data tal-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali ħafna iżjed lejn il-livell fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

### **3. L-IMPATT TAL-PROPOSTA**

#### ***Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri diġà implimentaw parzjalment il-ħtiġijiet il-ġodda***

Fi kważi l-Istati Membri kollha t-tliet taqsimiet fakultattivi ta' l-NACE jinsabu diġà mill-inqas parzjalment koperti u ċertu taġhrif dwar il-gruppi ta' intrapriżi jista' jinkiseb jew jinstab fi stadju ta' tħejjija. Fil-maġġoranza tal-każijiet għalhekk, diġà jeżisti qafas, u huwa f'idejn l-Istati Membri biex jieħdu aktar miżuri biex itejbu l-kopertura taġħhom jew il-kwalità, bħal per eżempju bl-użu possibbli ta' għejjun oħra. Jekk wieħed jibda mis-sitwazzjonijiet nazzjonali differenti, armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri kollha tista' biss tinkiseb permezz ta' l-adozzjoni tal-metodoloġija komuni, kif ippreżentata fir-Regolament propost.

#### ***Ir-reġistrazzjoni ta' entitajiet żgħar mhijiex meħtieġa***

Billi l-interess internazzjonali jiffoka fuq il-gruppi multinazzjonali, m'hemm l-ebda ħtiġijiet stretti dwar il-kopertura tal-gruppi li huma kollha residenti. Il-kopertura ta' l-iżgħar intrapriżi mingħajr persuni impjegati hija wkoll komputu tas-sussidjarjetà, għax din tiddependi mill-għejjun amministrattivi disponibbli f' livell nazzjonali. Għalhekk il-qagħda nazzjonali u d-disponibilità varja ta' għejjun tqiesu fejn possibbli.

#### ***Xi wħud mill-varjabbli huma fakoltattivi biex iżommu l-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni fl-livell raġonevoli.***

Ir-reġistrazzjoni ta' ċerti varjabbli hija kkundizzjonata skond id-disponibilità tat-tagħrif mill-għejjun amministrattivi fl-Istat Membri individwali, u ċerti varjabbli ta' gruppi ta' intrapriżi huma fakoltattivi sakemm tiġi trasmessa d-data lil Eurostat - il-konsolidazzjoni tad-data f' Eurostat, u r-rispons tad-data konsistenti kkorreġuta li tmur lura għand l-Istati Membri - ġiet stabbilita. Eżempju importanti ta' dan huwa d-definizzjoni tal-pajjiż li qiegħed jikkontrolla fl-istatistiċi tal-Affiljati Barranin, fejn it-tagħrif disponibbli nazzjonalment jista' jkun inkonsistenti jew nieqes u l-konsistenza tista' tkun żgurata biss f'livell Ewropew.

Il-bejgħ gross huwa essenzjali għall-agrikoltura, għas-sajd u għas-settur pubbliku.

### **4. KONSULTAZZJONI MA' L-ISTATI MEMBRI**

L-abbozz tar-Regolament huwa l-prodott ta' konsultazzjonijiet estensivi ma' l-Istati Membri u ġie diskuss fit-tul mid-diversi partijiet interessati, bosta drabi fil-Grupp ta' Xogħol ta' l-Unitajiet Statistiċi tar-Reġistri tal-Kummerċ u fil-laqgħat tad-Diretturi ta' l-Istatistiċi tal-Kummerċ u tal-Kumitat tal-Programm Statistiku. Tqiesu l-opinjoni ta' l-utenti ewlenin fl-Istati Membri, fl-EFTA, u fil-pajjiżi Kandidati, u fil-Kummissjoni u dawk ta' partijiet interessati oħrajn. Il-proposta attwali hija pożizzjoni bilanċjata bejn il-livell ta' dettal meħtieġ mill-utenti ewlenin u l-piż ta' xogħol fl-Istituzzjonijiet Nazzjonali ta' l-Istatistika.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri tal-kummerċ għal għanijiet ta' statistika u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>1</sup>

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>2</sup>,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>3</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 tat-22 ta' Lulju 1993<sup>4</sup> stabbilixxa qafas komuni biex jitwaqqfu reġistri tal-kummerċ għall-istatistika b'definizzjonijiet armonizzati, karatteristiċi, firxa u proċeduri ta' aġġornament. Biex l-iżvilupp tar-reġistri kummerċjali jinżamm f'qafas ta' armonizzazzjoni, għandu jiġi adottat Regolament ġdid.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet statistiċi għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema tal-produzzjoni fil-Komunità<sup>5</sup> fih id-definizzjonijiet ta' l-unità statistika li għandha tintuża. Is-Suq Uniku jeħtieġ tqabbil ta' l-istatistika mtejbja li jilħaq il-ħtiġijiet tal-Komunità. Biex jinkiseb dan it-titjib, għandhom jiġu adottati definizzjonijiet u deskrizzjonijiet komuni biex ikunu koperti l-intrapriżi u unitajiet ta' statistika rilevanti oħrajn.
- (3) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar l-Istatistika Strutturali tal-Kummerċ<sup>6</sup> u Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika ta' terminu qasir<sup>7</sup> stabbilixxew qafas komuni għall-

---

<sup>1</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>2</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

<sup>4</sup> ĠU L 196, 5.8.1993, p. 1

<sup>5</sup> ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1

<sup>6</sup> ĠU L 14, 17.1.1997, p. 1

<sup>7</sup> ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1

kollezzjoni, l-ġabra, t-trasmissjoni u l-evalwazzjoni ta' l-istatistika tal-Komunità dwar l-istruttura, l-attività, il-kompetitività u l-eżekuzzjoni tan-negozji fil-Komunità. Ir-reġistri tal-kummerċ għall-għanijiet statistiċi jirrappreżentaw element bażiku ta' tali qafas komuni, u jagħmluha possibbli li jiġi organizzat u kkoordinat sħarriġ statistiku billi jipprovdu qafas armonizzat ta' kampjuni.

- (4) Ir-reġistri tal-kummerċ huma element wieħed fir-rikonċiljazzjoni tal-ħtiġijiet konfliġġenti għaż-żieda fit-tagħrif dwar l-intrapriżi u t-tħaffif tal-piż amministrattiv tagħhom, partikolarment billi jużaw tagħrif eżistenti f'reġistri amministrattivi u legali, b'mod speċjali fil-każ ta' l-intrapriżi ċkejknin, żgħar u mdaqqa, kif iddefinit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE<sup>8</sup>.
- (5) Ir-reġistri tal-kummerċ għall-għanijiet ta' statistika huma wkoll l-għajn ewlenija għad-demografija kummerċjali, billi jżommu rekord tan-negozji li jinħolqu u li jingħalqu, kif ukoll tal-bidliet strutturali fl-ekonomija b'konċentrazzjoni jew b'dekonċentrazzjoni li jseħħu permezz ta' operazzjonijiet bħalma huma l-fużjonijiet, ir-rilevamenti, il-qsim, id-diviżjoni u r-ristrutturar tal-popolazzjoni kummerċjali.
- (6) Ir-rwol importanti li għandhom l-intrapriżi pubbliċi fl-ekonomiji nazzjonali ta' l-Istati Membri ġie rrikonoxxut. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE tal-25 ta' Ġunju 1980 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi<sup>9</sup> jkopri ċerti tipi ta' impriżi pubbliċi. L-intrapriżi pubbliċi u l-korporazzjonijiet pubbliċi għandhom għalhekk ikunu identifikati fir-reġistri tal-kummerċ u dan jista' jsir mill-klassifikazzjoni tas-settur istituzzjonarju.
- (7) Ir-rabtiet ta' kontroll bejn l-unitajiet legali huma meħtieġa għad-definizzjoni tal-gruppi ta' intrapriżi, għal delineazzjoni korretta ta' l-intrapriżi, biex isir profil ta' l-unitajiet kbar u kumplessi, u fl-istudju tal-konċentrazzjoni ta' l-ekonomija. It-tagħrif dwar gruppi ta' intrapriżi jtejjeb il-kwalità tar-reġistri pubbliċi u jista' jintuża biex inaqqas ir-riskju ta' l-iżvelar ta' data kunfidenzjali. Ċerta data finanzjarja spiss tagħmel iżjed sens f'livell ta' gruppi ta' intrapriżi jew sottogruppi milli f'livell ta' intrapriżi u tkun tista' tinkiseb biss f'livell ta' grupp jew sottogrupp. Ir-reġistrazzjoni tal-gruppi ta' intrapriżi tagħmilha possibbli, meta meħtieġ, li jsir sħarriġ direttament fil-grupp, minflok fl-unitajiet kostitwenti tagħhom, u dan jista' jnaqqas it-tagħbija tar-rispons b'mod sinifikattiv. Biex jiġu rreġistrati l-gruppi ta' intrapriżi, ir-reġistri tal-kummerċ iridu jsiru aktar armonizzati.
- (8) Il-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija li dejjem qed tiżdied toħloq sfida lill-produzzjoni preżenti ta' ħafna mill-istatistika. Permezz tar-reġistrazzjoni tal-gruppi multinazzjonali ta' intrapriżi, ir-reġistri tal-kummerċ joħolqu biċċa għodda bażika għat-titjib ta' ħafna mill-istatistika li għandha x'taqsam mal-globalizzazzjoni: il-kummerċ internazzjonali fil-prodotti u s-servizzi, il-bilanċ tal-pagamenti, l-investment barrani dirett, l-affiljati barranin, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u s-suq ta' l-impjiegi. Il-maġġoranza ta' din l-istatistika tkopri l-ekonomija kollha u titlob li s-setturi kollha ta' l-ekonomija jkunu koperti mir-reġistri tal-kummerċ.

---

<sup>8</sup> ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36

<sup>9</sup> ĠU L 195, 29.7.1980, p. 35

- (9) Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KEE) Nru 1588/90 tal-11 ta' Ġunju 1990 dwar it-trasmissjoni ta' data suġġetta għal kunfidenzjalità ta' l-istatistika għall-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej<sup>10</sup>, regoli nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità ta' l-istatistika ma jistgħux jiġu invokati biex jevitaw it-trasmissjoni ta' data kunfidenzjali ta' l-istatistika lill-awtorità tal-Komunità (Eurostat) fejn att ta' liġi Komunitarja jipprovdi għat-trasmissjoni ta' tali data.
- (10) Biex ikun garantit it-twertiq ta' l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli għall-ġbir tad-data fi ħdan l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li jidħlu f'għejun ta' data amministrattiva bħalma huma reġistri miżmuma mill-Awtoritajiet tat-Taxxa u s-Sigurtà Soċjali, Banek Ċentrali, istituzzjonijiet pubbliċi oħrajn u databases oħrajn li għandhom tagħrif dwar transazzjonijiet u pożizzjonijiet trans-konfinali, fejn tali data hija meħtieġa għal produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja.
- (11) Il-miżuri meħtieġa biex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri biex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni<sup>11</sup>.
- (12) Ir-Regolament (KEE) Nru 2186/93 għandu għalhekk jiġi mħassar.
- (13) Il-Kumitat tal-Programm dwar l-Istatistika ġie kkonsultat.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Għan**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri ta' l-istatistika kummerċjali fil-Komunità.

L-Istati Membri se jwaqqfu reġistru armonizzat wieħed jew iżjed għall-għanijiet ta' l-istatistika, bħala għodda għat-tħejjija u l-koordinazzjoni ta' l-istħarriġ, bħala għajn ta' tagħrif għall-analiżi ta' l-istatistika tal-popolazzjoni kummerċjali u d-demografija tagħha, għall-mobilizzazzjoni tad-data amministrattiva u għas-sejba u l-kostruzzjoni ta' unitajiet ta' l-istatistika.

### *Artikolu 2*

#### **Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

---

<sup>10</sup> ĠU L 151, 15.6.1990, p. 1

<sup>11</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23

- (a) 'Unità legali' għandha tfisser unità legali kif iddefinita f'Taqsimi II.A.3 ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 696/93<sup>12</sup>.
- (b) 'Intrapriża' għandha tfisser intrapriża kif iddefinita f'Taqsimi III.A ta' l-Anness ta' dak ir-Regolament.
- (c) (ċ) 'Unità lokali' għandha tfisser unità lokali kif inhi ddefinita f'Taqsimi III.F ta' l-Anness ta' dak ir-Regolament.
- (d) (ċ) 'Grupp ta' intrapriżi' għandu jfisser grupp ta' intrapriżi kif iddefinit f'Taqsimi III.C ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 696/93.
- (e) 'Grupp ta' intrapriżi multinazzjonali' għandu jfisser grupp ta' intrapriżi li għandu mill-inqas żewġ intrapriżi jew unitajiet legali allokatu f'żewġ pajjiżi differenti.
- (f) 'Grupp ta' intrapriżi maqtugħin' għandu jfisser l-intrapriżi u l-unitajiet legali ta' grupp ta' intrapriżi, li huma residenti fl-istess pajjiż. Jista' jikkonsisti f'unità waħda biss, jekk l-unitajiet l-oħrajn mhumiex residenti. Intrapriża tista' tkun il-grupp ta' intrapriżi maqtugħin jew parti minnu.

### *Artikolu 3*

#### **Ambitu**

1. Skond id-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 2 u soġġetti għal-limitazzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu, r-reġistri għandhom jiġbru
  - (a) l-intrapriżi kollha li qed iwettqu attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għall-prodott gross domestiku (GDP), u l-unitajiet lokali tagħhom,
  - (b) l-unitajiet legali li minnhom jikkonsistu dawk l-intrapriżi,
  - (c) gruppi ta' intrapriżi maqtugħin u t-tagħrif dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali definiti fl-Anness,
  - (d) il-gruppi ta' intrapriżi li huma totalment residenzjali.
2. Din il-ħtieġa, iżda, m'għandhiex tapplika għad-djar meta l-oġġetti u s-servizzi li jipproduċu jkunu għall-konsum tagħhom stess, jew jinvolvu l-kiri tal-propjetà tagħhom.
3. Unitajiet lokali mingħajr entità legali separata (fergħat), li jiddependu mill-intrapriżi barranin u li huma kklassifikati bħala kważi-korporazzjonijiet skond il-prinċipji ESA95 u SNA93, għandhom jiġu ttrattati bħala intrapriżi fir-reġistri tal-kummerċ.
4. Il-grupp ta' intrapriżi jista' jiġi osservat permezz tar-rabtiet ta' kontroll bejn l-unitajiet legali. Għad-delineazzjoni tal-gruppi ta' intrapriżi, għandha tintuża d-

---

<sup>12</sup> ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1



definizzjoni ta' kontroll, kif mogħtija fis-Sistema Ewropea tal-Kontabilita ESA95 (Regolament (KE) Nru 2223/96), paragrafu 2.26.

5. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-unitajiet li jeżerċitaw kompletament jew parzjalment attività ekonomika. Kwalunkwe attività li tikkonsisti f'li toffri oġġetti u servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika. Servizzi mhux tas-suq li jikkontribwixxu għall-prodott gross domestiku, u wkoll is-sehem dirett jew indirett f'unitajiet attivi legali huma meqjusa bħala attività ekonomika għall-għanijiet tar-reġistri tal-kummerċ. Unitajiet legali li mhumiex attivi ekonomikament huma parti minn intrapriża meta biss f'għaqda ma' unitajiet legali attivi ekonomikament.
6. Il-punt safejn l-intrapriżi b'inqas min-nofs impjeg wieħed u l-gruppi ta' intrapriżi residenti, ta' ebda importanza statistikament għall-Istati Membri għandhom ikunu inklużi fir-reġistri għandu jkun deċiż skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

#### *Artikolu 4*

#### **Għejun ta' data**

1. Filwaqt li josservaw il-kundizzjonijiet rigward il-kwalità imsemmija fl-Artikolu 6, l-Istati Membri jistgħu jiġbru t-tagħrif meħtieġ taħt dan ir-Regolament billi jużaw kwalunkwe għejun li huma jikkonsidraw relevanti. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġu awtorizzati, fi ħdan l-isfera tal-kompetenza tagħhom, biex jiġbru, għall-għanijiet ta' statistika, tagħrif kopert minn dan ir-Regolament li jinsab fil-fajls amministrattivi u legali.
2. Billi d-data meħtieġa ma tistax tinġabar bi prezz raġonevoli, jistgħu jintużaw proċeduri ta' stima ta' statistika, filwaqt li jiġi rrispettat il-livell ta' eżattezza u kwalità.

#### *Artikolu 5*

#### **Il-Karatteristiċi tar-Reġistri**

L-unitajiet imniżżla fir-reġistri għandhom ikunu kkaratterizzati permezz ta' numru ta' identità u d-dettalji deskrittivi speċifikati fl-Anness.

Il-lista ta' karatteristiċi għandha tiġi aġġornata u r-regoli tal-karatteristiċi u l-kontinwità definiti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.

#### *Artikolu 6*

#### **L-istandards ta' kwalità u r-rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tar-reġistri tal-kummerċ.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, permezz ta' Eurostat, fuq talba tagħha, b'rapport dwar il-kwalità tar-reġistri tal-kummerċ (minn issa 'l quddiem imsejħa "rapporti dwar kwalità").
3. L-istandards komuni ta' kwalità, kif ukoll il-kontenut u l-perjodiċità tar-rapporti dwar kwalità, għandhom jiġu speċifikati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14 u billi jitqiesu l-implikazzjonijiet fir-rigward ta' l-ispiża fil-ġbir tad-data.
4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-bidliet ewlenin ta' metodoloġija jew bidliet oħrajn li jkunu jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tar-reġistri tal-kummerċ, hekk kif isiru magħrufa u mhux aktar tard minn sitt xhur wara li kwalunkwe tali bidla tidħol fis-seħħ.

#### *Artikolu 7*

### **Manwal ta' Rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissjoni għandha tippubblika manwal ta' rakkomandazzjonijiet tar-reġistri tal-kummerċ. Il-manwal se jiġi aġġornat b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri.

#### *Artikolu 8*

### **It-tul ta' żmien u l-perjodiċità**

1. L-iskrizzjonijiet fir-reġistri u t-tneħħija minnhom għandhom ikunu aġġornati mill-inqas darba fis-sena.
2. Il-frekwenza ta' l-aġġornament għandha tiddependi mit-tip ta' unità, mill-fattur varjabbli meqjus, mid-daqs ta' l-unità u mill-ġhajjn ġeneralment użata għall-aġġornament.
3. Ir-regoli għall-aġġornament għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.
4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kopja annwali li tirrifletti l-istat tar-reġistri fl-aħħar tas-sena u jżommu dik il-kopja għal 30 sena għall-għan ta' analiżi.

#### *Artikolu 9*

### **It-trasmissjoni tad-data**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi ta' statistika tar-reġistri u jittrasmettu t-tagħrif lill-Kummissjoni, permezz ta' Eurostat, billi jsegwu format u proċedura kif definiti mill-Kummissjoni skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 14.
2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, kwalunkwe tagħrif rilevanti fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri.

## *Artikolu 10*

### **Skambju ta' data kunfidenzjali bejn l-Istati Membri**

L-iskambju ta' data kunfidenzjali, kif iddefinit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 322/97, għandu jkun permess bejn l-Istati Membri fejn l-iskambju huwa meħtieġ biex jiżgura l-kwalità tat-tagħrif dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali fl-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri li jirċevu data kunfidenzjali mill-Istati Membri l-oħra għandhom jittrattaw dak it-tagħrif bħala kunfidenzjali.

## *Artikolu 11*

### **It-trasmissjoni ta' data dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-data individwali dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u l-unitajiet kostitwenti tagħhom, kif definit fl-Anness, lill-Kummissjoni (Eurostat) biex jipprovdu għat-tagħrif dwar l-istatistika tal-gruppi multinazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
2. Biex jiġi żgurat rekord konsistenti tad-data, il-Kummissjoni (il-Eurostat) għandha tittrasmetti lil kull Stat Membru, id-data dwar grupp ta' intrapriżi multinazzjonali, inklużi l-unitajiet kostitwenti tiegħu, fejn mill-inqas unità waħda legali ta' dan il-grupp tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.
3. Il-firxa, l-format u l-proċedura għat-trasmissjoni tad-data individwali lill-Eurostat u għat-trasmissjoni tad-data dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali lill-Istati Membri għandhom jiġu adottati skond il-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 14.

## *Artikolu 12*

### **Il-Perjodu ta' transizzjoni u d-derogi**

Meta r-reġistri tal-kummerċ jeħtieġu adattament ewlieni, il-Kummissjoni tista' tikkonċedi deroga fuq talba ta' l-Istat Membru għal perjodu ta' transizzjoni li m'għandux ikun itwal minn sentejn mid-data ta' meta jibda japplika dan ir-Regolament.

Għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd, għall-amministrazzjoni pubblika u d-difiża, u għas-sigurtà soċjali obbligatorja, il-perjodu ta' transizzjoni ma jistax ikun itwal minn tliet snin.

## *Artikolu 13*

### **Il-miżuri ta' l-implimentazzjoni**

Il-miżuri li jimplementaw dan ir-Regolament għandhom jitniżżlu skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 14. Tali miżuri jikkonċernaw:

- (a) il-kopertura ta' l-iżgħar intrapriżi u l-gruppi ta' intrapriżi residenti, kif stabbilit fl-Artikolu 3;

- (b) it-trasmissjoni ta' tagħrif dwar reġistri u r-rapport dwar il-kwalità, kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 9;
- (c) ir-regoli li jaġġornaw ir-reġistri, kif stabbilit fl-Artikolu 8;
- (d) it-trasmissjoni ta' data individwali dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali lill-Eurostat u t-trasmissjoni ta' data dwar il-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali lill-Istati Membri, kif stabbilit fl-Artikolu 11;
- (e) l-aġġornament tal-karatteristiċi tal-lista tar-reġistri fl-Anness, id-definizzjonijiet u r-regoli ta' kontinwità tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 5, sakemm tali aġġornament wara evalwazzjoni kwantitattiva, ma jkun ta' piż fuq l-unitajiet jew fuq l-Istati Membri, li huwa disproporzjonat għar-riżultati antiċipati.

#### *Artikolu 14*

##### **Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat għall-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 89/382/KEE, Euratom <sup>13</sup>.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

#### *Artikolu 15*

##### **Tħassir**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 huwa mħassar.

Referenzi magħmula għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu magħmula għal dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 16*

##### **Id-Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar, 2007.

---

<sup>13</sup> ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNEX

**Ir-reġistri tal-kummerċ għandu jkun fihom dan it-tagħrif li ġej għal kull unità. It-tagħrif m'għandux għalfejn ikun miżmum separatament għal kull unità, jekk jista jinkiseb minn unità(jiet) oħra(jn).**

<b>1. UNITÀ LEGALI</b>		
KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	1.1	Numru ta' l-identità
	1.2a	Isem
	1.2b	Indirizz (inkluż l-kodiċi postali) fl-iżjed livell dettaljat
	1.2c	<i>Fakoltattivi: Numri tat-telefon u l-fax, indirizz elettroniku, u tagħrif li jippermetti l-ġbir elettroniku tad-data</i>
	1.3	Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew, fin-nuqqas ta' dan, numru ieħor ta' identità amministrattiva
KARATTERISTIĊI TA' DEMOGRAFIJA	1.4	Id-data ta' inkorporazzjoni għal persuni legali jew id-data tar-rikonoxximent uffiċjali bħala operatur ekonomiku għal persuni naturali
	1.5	Id-data li fiha l-unità legali ma baqgħetx tagħmel parti minn intrapriża (kif definit fi 3.3)
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/ TA' STRATIFIKAZZJONI	1.6	Forma legali
RABTIET MA' REĠISTRI OĦRAJN		Referenza għar-reġistri assoċjati, li fihom hija rreġistrata l-unità legali u li jkun fihom tagħrif li jista' jintuża għal għanijiet ta' statistika;
	1.7a	Referenza għar-reġistru ta' operatori ġewwa l-Komunità imwaqqaf skond ir-Regolament (KE) Nru 638/2004 <sup>14</sup> , u Referenza għall-fajls tad-dwana jew għar-reġistru ta' l-operaturi barra l-Komunità
	1.7b	<i>Fakoltattivi: Referenza għad-data tal-karta tal-bilanċ (għall-unitajiet li huma meħtieġa li jippubblikaw il-kontijiet); u Referenza għar-reġistru tal-bilanċ tal-pagamenti jew reġistru ta' l-investment dirett barrani; u Referenza għar-reġistru tal-farms</i>

<sup>14</sup> ĠU L 102, 7.4.2004, p. 1

**Aktar karatteristiċi għall-unitajiet legali li jiffurmaw parti minn intrapriżi li jappartjenu lil grupp ta' intrapriżi:**

RABTA MAL-GRUPP TA' INTRAPRIŻI	1.8	Numru ta' identità tar-resident/tal-grupp ta' intrapriżi maqtuġhin (4.1), li lilu jappartjeni l-unità
	1.9	Data ta' l-assoċjazzjoni mal-grupp residenti/maqtuġh
	1.10	Data tas-separazzjoni minn mal-grupp residenti/maqtuġh
KONTROLL TA' L-UNITAJIET		Ir-rabtiet tal-kontroll tar-residenti jistgħu jiġu rreġistrati minn fuq għal isfel (1.11a) jew minn isfel għal fuq (1.11b). L-ewwel livell ta' kontroll biss, dirett jew indirett, huwa rreġistrat għal kull unità (il-katina sħiħa ta' kontroll tista' tinkiseb billi tgħaqqad dawn l-entitajiet).
	1.11a	Numru/i ta' l-identità ta' l-unità(jiet) legali residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali
	1.11b	Numru ta' l-identità ta' l-unità legali residenti, li tikkontrolla l-unità legali
	1.12	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) numru/i ta' l-identità jew, isem(ismijiet), indirizz(i) u numru/i tal-VAT, ta' l-unità(jiet) legali mhux residenti, li huma kkontrollati mill-unità legali
	1.13	(a) Pajjiż tar-reġistrazzjoni, u (b) numru ta' l-identità jew, isem, indirizz u numru tal-VAT, ta' l-unità legali mhux residenti, li tikkontrolla l-unità legali
PUSSESS TA' L-UNITAJIET		Il-pussess tar-residenti jista' tjiġi rreġistrata jew minn fuq għal isfel (1.14a) jew minn isfel għal fuq (1.14b). <i>Ir-reġistrazzjoni tat-tagħrif u l-limitu użat għall-pussess ta' ishma huma suġġetti għad-disponibilità ta' dan it-tagħrif fl-għejun amministrattivi Il-limitu rrakkomandat huwa ta' 10% jew iżjed tal-pussess dirett.</i>
	1.14a	(a) Numru/i ta' l-identità, u (b) ishma (%) ta' l-unità(jiet) legali residenti ipposseduti mill-unità legali
	1.14b	(a) Numru/i ta' l-identità, u (b) ishma (%) ta' l-unità(jiet) legali residenti li tippossiedi/jippossiedu l-unità legali
	1.15	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) numru/i ta' l-identità jew, isem(ismijiet), indirizz(i) u numru/i tal-VAT, u (c) ishma (%) ta' l-unità(jiet) legali mhux residenti ipposseduti mill-unità legali

1.16	(a) Pajjiż(i) tar-reġistrazzjoni, u (b) numru/i ta' l-identità jew, isem(ismijiet), indirizz(i) u numru/i tal-VAT, u (c) ishma (%) ta' l-unita(jiet) legali mhux residenti li tippossiedi/jippossiedu l-unità legali
------	--



2. UNITÀ LOKALI		
KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	2.1	Numru ta' l-identità
	2.2a	Isem
	2.2b	Indirizz (inkluża l-kodiċi postali) fl-iżjed livell dettaljat
	2.2c	<i>Fakoltattivi: Numri tat-telefon u l-fax, indirizz elettroniku, u tagħrif li jippermetti l-ġbir elettroniku tad-data</i>
	2.3	Numru ta' l-identità ta' l-intrapriża (3.1), li lilha tappartjeni l-unità lokali
KARATTERISTIĊI TA' DEMOGRAFIJA	2.4	Data tal-bidu ta' l-attivitajiet
	2.5	Data tat-tmiem finali ta' l-attivitajiet
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/TA' STRATIFIKAZZJONI	2.6	Kodiċi ta' l-attività ewlenija f'livell ta' l-NACE b'4 numri
	2.7	Attivitajiet sekondarji, jekk ikun hemm, f'livell ta' l-NACE b'4 numri; <i>dan il-punt jikkonċerna biss unitajiet lokali li huma suġġetti għall-istħarriġ;</i>
	2.8	<i>Fakoltattiva: Attività mwettqa fl-unità lokali li tikkostitwixxi attività anċillari ta' l-intrapriża li għaliha tappartjeni (Iva/Le)</i>
	2.9	Numru tal-persuni impjegati
	2.10a	Numru ta' impjegati
	2.10b	<i>Fakoltattiv: Numru ta' impjegati f'ekwivalenti ta' full time</i>
	2.11	Kodiċi tal-lokazzjoni ġeografika
	RABTIET MA' REĠISTRI OĦRAJN	2.12

<b>3. INTRAPRIŻA</b>		
KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	3.1	Numru ta' l-identità
	3.2a	Isem
	3.2b	<i>Fakoltattivi: Indirizzi postali, elettroniċi u ta' websajts</i>
	3.3	Numru(i) ta' l-identità ta' l-unita(jiet) legali li minnha/hom hija magħmula l-intrapriża;
KARATTERISTIĊI TA' DEMOGRAFIJA	3.4	Data tal-bidu ta' l-attivitajiet
	3.5	Data tat-tmiem finali ta' l-attivitajiet
KARATTERISTIĊIE KONOMIĊI/ TA' STRATIFIKAZZJONI	3.6	Kodiċi ta' l-attività ewlenija f'livell ta' l-NACE b' 4 numri
	3.7	Attivitajiet sekondarji, jekk ikun hemm, f'livell ta' l-NACE b'4 numri; <i>dan il-punt jikkonċerna biss intrapriżi li huma suġġetti għall-istħarriġ</i>
	3.8	Numru tal-persuni impjegati
	3.9a	Numru ta' impjegati
	3.9b	<i>Fakoltattiv: Numru ta' impjegati f'ekwivalenti ta' full-time</i>
	3.10	Bejgħ gross; fakoltattiv għall-agrikoltura, is-sajd u s-settur pubbliku
	3.11	Settur u sottosettur istituzzjonali skond is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità

**Karatteristiċi addizzjonali għall-intrapriżi li jagħmlu parti minn grupp ta' intrapriżi:**

RABTA MAL-GRUPP TA' INTRAPRIŻI	3.12	Numru ta' l-identità tal-grupp ta' intrapriżi residenti/maqtugħin (4.1), li lili tappartjeni l-intrapriża
--------------------------------	------	---

4. GRUPP TA' INTRAPRIŻI		
KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	4.1	Numru ta' l-identità tal-grupp residenti/maqtuġh
	4.2a	Isem il-grupp residenti/maqtuġh
	4.2b	<i>Fakoltattiv: Indirizzi postali, elettroniċi u tal-websajts ta' l-uffiċju ewlieni residenti/maqtuġh</i>
	4.3	Numru ta' l-identità tal-grupp ewlieni tal-gruppi residenti/maqtuġhin (huwa ugwali għan-numru ta' l-identità ta' l-unità legali, li hija l-kap tal-grupp residenti). <i>Jekk l-unità li tikkontrolla hija persuna naturali, li mhijiex operatur ekonomiku, ir-reġistrazzjoni hija suġġetta għad-disponibilità ta' dan it-tagħrif fl-għejjun amministrattivi</i>
4.4	Tip ta' grupp ta' intrapriżi: 1. grupp residenti għal kollox; 2. grupp maqtuġh ikkontrollat domestikament; 3. grupp maqtuġh ikkontrollat minn barra;	
KARATTERISTIĊI TA' DEMOGRAFIJA	4.5	Data tal-bidu tal-grupp ta' intrapriżi residenti/maqtuġhin
	4.6	Data tat-tmiem tal-grupp ta' intrapriżi residenti/maqtuġhin
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/ TA' STRATIFIKAZZJONI	4.7	Kodiċi ta' l-attività ewlenija tal-grupp residenti/maqtuġh f'livell ta' l-NACE b'żewġ numri
	4.8	<i>Fakoltattivi: Attivitàjiet sekondarji tal-grupp residenti/maqtuġh f'livell ta' l-NACE b'2 numri</i>
	4.9	Numru ta' persuni impjegati fil-grupp residenti/maqtuġh
	4.10	<i>Fakoltattiv: il-bejgħ gross konsolidat</i>

**Karatteristiċi addizzjonali għall-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali (tipi 2 u 3 f'4.4):**

*Ir-reġistrazzjoni ta' dawn il-varjabbli, ħlief għal 4.11 u 4.12a, hija fakoltattiva sakemm tkun stabbilita t-trasmissjoni tat-tagħrif dwar il-gruppi multinazzjonali, kif intqal fl-Artikolu 11.*

KARATTERISTIĊI TA' IDENTIFIKAZZJONI	4.11	Numru ta' l-identità tal-grupp globali
	4.12a	Isem il-grupp globali
	4.12b	<i>Fakoltattivi: Pajjiż tar-reġistrazzjoni, indirizzi postali, elettroniċi u tal-websajts ta' l-uffiċċju ewlieni globali</i>
	4.13	Numru ta' l-identità tal-grupp ewlieni globali jekk il-grupp ewlieni huwa residenti (ugwali għan-numru ta' l-identità ta' l-unità legali, li hija l-grupp ewlieni). Jekk il-grupp ewlieni globali mhux residenti, il-pajjiż tiegħu tar-reġistrazzjoni, u <i>fakoltattiv: in-numru ta' l-identità u l-indirizz tiegħu.</i>
KARATTERISTIĊI EKONOMIĊI/ TA' STRATIFIKAZZJONI	4.14	<i>Fakoltattiv: In-numru ta' persuni impjegati globalment</i>
	4.15	<i>Fakoltattiv: Il-bejgħ gross konsolidat</i>
	4.16	<i>Fakoltattiv: Pajjiż taċ-ċentru għad-deċiżjonijiet globali</i>
	4.17	<i>Fakoltattiv: Pajjiżi fejn huma allokat i l-intrapriżi jew l-unitajiet lokali</i>